MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 255/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat, tal-attrici A B pprezentat fid-12 ta' Awissu 2011, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlieta (2003), fil-Knisja ta' San'Andrija, Hal Luqa, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv: wiehed, zero, sitta, erbgha, (1064) tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-partijiet isseparaw fit-tlettax (13) ta' Settembru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Tonio D;

4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimat kien ivizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhha, u kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja, li ghamlita, impossibbli ghar-rikorrenti kif ukoll ghall-intimat li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga;

5. Illi di piu, il-kunsens tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimnat inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

6. Illi dunque z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att Dwar iz-zwieg tal-1975 (Kap 255).

Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza tar-rikorrenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Lulju 2003 huwa null u minghajr effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar is-Swieg tal-1975 (Kap 255).

ii. Tordna li din in-nullita' taz-zwieg fuq imsemmija tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv hekk kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat ir-risposta guramentata[1] ta' Alan D li kkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jirrileva illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet premessa kontenuti fir-rikors guramentat tar-rikorrenti, l-esponenti pero jirrileva illi dawn it-tliet kawzali setghu facilment ikunu inkluzu f'wahda;

2. Illi l-esponent jixtieq jikkonferma li hemm qbil dwar parti mir-raba premessa f'dak li jirrigwardja l-kunsens vizzjat tar-rikorrenti relattiv ghad-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew/u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja tar-rikorrenti. Da parti tal-intimat jew kien jezisti xi nuqqas dwar diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew / u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha dan ma kienx daws u fil-livell ta' nuqqas daqs dak tar-rikorrenti;

[1] a folio 9

3. Illi l-esponenti ma jaqbilx mall-hames premess indirizzata lejh ghaliex jekk dan il-kunsens kien miksub bl-eskluzzjoni pozittiva ta' xi element essenzjali tal-hajja konjugali dan zgur mhux tort tal-esponenti izda l-eskluzzjoni kienet gejja interament minn naha tar-rikorrenti;

4. Illi ghalhekk l-esponenti jaqbel li z-zwieg ta' bejniethom huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi izda unikament tort tar-rikorrenti li ma gharrfitx id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

5. Illi dwar it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jirrimetti ruhu lejn dina l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semghat ix-xhieda kollha, tenut kont ukoll tar-ragunijiet mnizzla fir-risposta tieghu u ghalhekk ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjes ta' dawn il-proceduri f'kaz li jirrizulta li dan iz-zwieg sfaxxa unikament tort tar-rikorrenti;

B'riserva li jqajjem ragunijiet ohra kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda pprezentata mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

Semghet ix-xhieda viva voce;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

**L-Azzjoni**

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-wieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null u minghajr effett *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Skont l-attrici 'il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologijka serja li ghamlitha impossibbli ghaz-zewg partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwg u kien vizzjat ukoll minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u specjalment ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u ghax l-attrici ghalkemm dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mill-banda l-ohra l-konvenut fil-premessi tieghu qed jghid illi kien il-kunsens tal-attrici li kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg u dan *a termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Artikolu 19 (1) jipprovdi illi:
B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(f) jekk il-kunsens ta" xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-sub inciz (f) jinghad is-segwenti:
Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm kien serr jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart FRancis Attard vs Francis Attard" (**Prim’ Awla - 15 ta' Marzu 2000**)** inghad:

*Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*
*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kkapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezemju, iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'dan l-animu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggix.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-sub inciz (d) jinghad is-segwenti:
Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li il-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Deskrizzjoni ta' gudizzju hija generalment ir-rizultat ta' l-isvilupp naturali fil-hajja li bil-mod il-mod jasal ghall-maturia'. Sabiex wiehed jikkontratta zwieg mhux mistenni li jkun jippossjedi maturita' assoluta, li hija *terminus ad quem* fil-hajja. Li huwa mistenni huwa minimu ta' maturita' li jirrendi l-individwu kapaci jiddecidi ghalih innifsu fil-konfront tal-ghazliet li ghandu quddiemu, jiddecidiei liema wahda irrid, bil-konsapevolezza fl-istess hin li l-ghazla li saret ghandha l-konsegwenzi li wiehed ghandu jaccetta. Ma hemmx bhalikieku definizzjoni ta' maturita minima li wiehed ghandu jkollu sabiex ikun kapaci jizzewweg u huwa difficli sabiex taqta' linja f'dan ir-rigward ghax il-maturita' hija process dinamiku. Huwa l-agir tal-parti fic-cirkostanzi, kemm qabel iz-zwieg u kemm wara iz-zwieg, li jistghu jaghtu hjiel tal-livell ta' maturita jew immaturita prezenti fil-mument tal-kunsens taz-zwieg.

Il-ligi tipprezumi li ma' l-eta ta' sittax il-sena kemm il-mara u kemm ir-ragel ikun ghandhom / lahqu dik il-maturita minima sabiex ikunu kapaci jiddeciedu biex jizzewwgu, pero jista jigri li ghalkemm persuna tkun issorpassat din l-eta', il-maturita' minima biex tirrifletti u tiddeciedi li tikkontrattja zwieg ma tkunx prezenti. Dan pero jrid jigi ppruvat mill-imgieba tal-persuna kemm qabel u kemm wara z-zwieg. Ghandha ukoll tigi ezaminata l-abilita ta' l-individwu biex jirrelata intimament mal-persuna l-ohra - il-kapacita' li tigi stabbilita ir-relazzjoni interpersonali bi skop ta' zwieg.

Huwa hawn meta permezz ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju titiehed decizjoni bil-mezz ta' taghrif u apprezzament ta' oggett dwar x'hiex il-mohh jirrifletti fuq dak li jaghmel u fuq dak li jiddelibera;. Allura taghrif biss dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, fil-veru sens tal-kelma mhux sufficenti, persuna jrid ikollha fakulta' ta' apprezzament / evalutazzjoni - il-persuna trid tkun kapaci tevalwa xi jfisser zwieg. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma almenu wiehed irrid ikun jaf l-affarijiet bazici li jinkludu id-drittijiet, id-doveri u l-obligazzjonijiet u jridu jhobbu, jghinu u jassistu sakemm l-unjoni taz-zwieg tibqa' tezisti.

Dan it-taghrif irrid ikun valutat - il-persuna jrid ikollha livell ta' helsien psikologiku li huwa necessarju u sufficenti biex jassigura il-poter baziku tal-ghazla.

Difett serju ta' diskrezzjoni jista jigi mifhum li persuna setghat ezercitat diskrezzjoni bzonnjuza imma bhala att ta' fatt ma ghamlitiex; jew persuna kellha nuqqas ta poteri diskrezzjonali minhabba li fatturi psikologici jirrendu l-persuna inkapaci biex tqis in-natura

taz-zwieg jew tad-drittijiet u l-obbligi essenzjali marbuttin maz-zwieg u konsegwentement inkapaci li taghzel liberament.

Mhux bizzejjed li l-persuna tkun matura intelletwalment imma irrid ikun hemm maturita tar-rieda jigifieri abilita' li tiehu decizjonijiet responsabbli; irrid ikollha fakultajiet kritici u liberta interna biex taghzel biex tkun tista tikuntratta zwieg validu. L-element tal-liberta huwa essenzjali ghax iz-zwieg huwa kuntratt ghal futur.

Fl-assenza ta' maturita' intelletwali jew ta' rieda jew ossia fin-nuqqas ta' fakultajiet kritici u liberta interna, id-disrezzjoni ta' gudizzju jirrendi ruhu difettuz u jkun ta' ostaklu li jeffettwa il-veru att tal-kunsens. Tali ostakoli jistghu jirrizultaw minn a) nuqqas ta' armonia li tezisti bejn l-istruttura tal-personalita'; b) diffikultajiet fir-relazzjoni sesswali; c) nuqqas ta' percepizzjoni tal-oggett tal-kunsens; d) nuqqas ta' liberta' fl-ghazla; e) difett fil-liberta' interna.

Dan gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (Prim’ Awla - 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** Prim’ Awla - 10 ta' Novembru 1995).

Kif gie ritenut umbaghad fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (Prim’ Awla - 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Tenut kont li tali kawzali ghandha l-origini taghha fid-Dritt Kanoniku rilevanti x'jghidu l-guristi mill-ottika tal-annullament taz-zwieg religjuz.

Kif jispjega l-Professur Diego de Caro tal-Universita ta' Ruma*: 'L-immaturita affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione dell-affettivita' nell'adolescenza, periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabbilita' dell'adulto. Sono principalment considerati nell'affettivita' gli istinti, i sentimenti e le emozioni.'* (De Caro, D., L'immaturita' Psico-Affettiva nel Matrimonio Canonico in Bonnett) Bersini, F., Fil-diritto Canonico Matrimoniale P.97 jiddeskrivi hekk din l-immaturita': "*Secondo gli psichiatri, l-immaturita affettiva si articola niw seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nel confronti della madre e delle figure che la sostituiscono, in relazione a tale dipendenza, una incapacita' di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita' dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile (Crisi di collera, di lacrime, ecc.) egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta'. che contrasta con la gravita; apparente dei sintome; il-sintomo sembra restare separato dalla personalita."*

.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Lulju 2003 huwa null u minghajr effett legali *ai termini* ta' artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (d) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255) u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.
2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-att taz-zwieg tal-partijiet li jinstab fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

Tordna li dawk il-partijiet tas-sentenza taht l-intestatura "Provi" u "Konsiderazzjonijiet ta' Fatt" ma jigux pubblikati fuq is-sit elettroniku.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------